# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Marzu 2019**

**Numru 13**

**Appell Kostituzzjonali Numru 10/2017/1 SM**

**Il-Pulizija**

***v.***

**Paul Borg Olivier**

1. Dan huwa appell ta' Paul Borg Olivier ["l-appellant"] minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fit-22 ta' Frar 2018 li biha wieġbet għal referenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali billi ddikjarat li ma sabet l-ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tal-appellant imħarsa taħt l-art. 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni") u taħt l-art. 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni") bil-fatt illi appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li sabet lill-

appellant mhux ħati ta' reati ta' malafama u inġurja gravi kien qiegħed jitmexxa mill-Avukat Ġenerali u mhux mill-kwerelant. L-ewwel qorti għalhekk ordnat li l-atti jintbagħtu lura lill-qorti riferenti biex jitkompla s-smigħ tal-kawża quddiemha.

2. Il-fatti relevanti għal dan l-appell huma dawn: l-appellant kien, wara kwerela, mixli b'reat ta' malafama u inġurja gravi taħt l-Att dwar l-Istampa u l-Kodiċi Kriminali. B'sentenza tas-16 ta' Marzu 2016 il-Qorti tal-Maġistati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-appellant mhux ħati u għalhekk illiberatu. Sar appell mill-Avukat Ġenerali minn dik il-parti tas-sentenza li ma sabitx ħtija ta' malafama, u waqt is-smigħ tal-Appell il-Qorti tal-Appell Kriminali talbet lill-ewwel qorti sabiex tgħid:

> »jekk l-appellat hux qed isofri minn xi vjolazzjoni taħt l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li ser jiġi leż d-dritt tiegħu għal libertà ta' espressjoni u dan għaliex l-azzjoni kriminali għar-reat ta' malafama kontemplat fl-artikolu 11 tal-Att dwar l-Istampa, f'dan l-istadju tal-appell, qiegħda titmexxa *ex ufficio* mill-istat u mhux mill-privat.«

3. L-ewwel qorti wieġbet hekk:

> »illi fl-azzjoni kriminali in diżamina ma ġew leżi l-ebda drittijiet fundamentali tal-parti li pprovakat ir-referenza in diżamina, u dan la fil-konfront tal-artiklu 41 tal-Kostituzzjoni u lanqas fil-konfront tal-artiklu 10 tal-Konvenzjoni kif allegat mill-istess parti;
>
> »tordna għalhekk li l-atti jerġgħu jiġu rinvijati lill-qorti riferenti biex tipproċedi bis-smigħ u bil-konklużjoni tal-istess proċedura mingħajr dilungar;
>
> »bl-ispejjeż kontra l-parti li pprovokat l-istess referenza, senjatament Dr Paul Borg Olivier.«

4. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Ikkunsidrat:

»illi essenzjalment l-artiklu [41 tal-Kostituzzjoni u l-art. 10 tal-Konvenzjoni] jittutelaw id-dritt fundamentali tal-individwu għal-libertà tal-espressjoni;

»illi biex il-frażi "libertà tal-espressjoni" tiftehem aħjar issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (minn issa 'l quddiem Qorti ta' Strasburgu), fl-ismijiet <u>Verdens Gan and Kari Aastad, AASE *v.* Norway</u>, applikazzjoni numru 45710/99 datata s-16 t'Ottubru 2001, li sostniet is-segwenti:

> »"However, it is to be recalled that Article 10 of the Convention does not guarantee unlimited freedom of expression even for press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the Article, the exercise of this freedom carries with it "duties and responsibilities" which also apply to the press. In a number of recent cases concerning restrictions on press freedom (see, for instance, the … case of <u>Bergens Tidende and Others v. Norway</u>, para 53), the Court has pointed out that these "duties and repsonsabilities" assume significance if the reputation of private individuals is under attack and the "rights of others" may be undermined."

»Ikkunsidrat:

»illi jirriżulta pależement assodat li l-prinċipju surriferit kif elenkat fl-artikli fuq riprodotti hu immedjatament ċirkoskritt bl-eċċezzjonijiet hemm espressament delineati;

»illi konsegwenza tal-istess jirriżulta għalhekk li f'dawk iċ-ċirkostanzi l-intromissjoni daparti tal-istat f'dan id-dritt fundamentali tkun waħda kemm legali kif ukoll leċita;

»illi għalhekk għandu jkun paċifiku li d-dritt in diżamina mhux wieħed assolut;

»illi in effetti, anke fl-interess tas-sovranità tad-dritt, dan l-istess dritt partikolari in diżamina neċessarjament jattira ċerti restrizzjonijiet li fl-interess tal-istess ikunu wkoll jirrikjedu l-intervent proporzjonat tal-istat a bażi ta' raġunijiet speċifiċi u debitament sottolineati *ex lege* li jkunu meħtieġa fi stat demokratiku;

»illi għalkemm tali bilanċ ħafna drabi ma jkunx jidher li jkun jista' jintlaħaq, però l-attwazzjoni tiegħu hija essenzjali biex tintlaħaq dik il-konvivenza armonjuża li l-att ġust biss jista' jottjeni.

»Ikkunsidrat:

»illi l-akkużi li bihom ġiet rinfaċċata l-parti li pprovokat ir-referenza in diżamina oriġinarjament inħarġu mill-Pulizija Eżekuttiva kemm *ai termini tal-Att dwar l-Istampa*, kif ukoll *ai termini* tal-Kodiċi Kriminali …

»illi għalhekk għandu jkun paċifiku li l-proċedura inizjata fil-konfront tal-parti li pprovokat ir-referenza in diżamina kellha bilfors tittieħed mill-Pulizija Eżekuttiva *ex officio* a bażi tal-kwerela fuq ġà riferita u mhux mill-kwerelanti privatament;

»illi konsegwenza loġika tal-istess fatt li l-kawża in prim'istanza in diżamina hekk tmexxiet *ex officio*, l-appell riżultanti minn nuqqas ta' sodisfazzjon tal-pulizija *de quo* wara s-sentenza in prim'istanza kien

jispetta biss u unikament lill-Avukat Ġenerali li qed jirrappreżenta l-ordni pubbliku u għalhekk is-soċjetà in ġenerali.

»Ikkunsidrat:

»illi f'dan l-istadju ssir ukoll referenza għall-artiklu 413(1)(*ċ*) tal-Kodiċi Kriminali li jistabbilixxi min jista' jappella mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati;

»Illi f'dan ir-rigward hu stabbilit bi kjarezza li hu l-Avukat Ġenerali li fil-każijiet l-oħra kollha mhux elenkati fl-istess artiklu 413(1) fuq riferit għandu d-dritt tal-appell *de quo*;

»illi *di più*, issir ukoll referenza għall-artiklu 48 tal-Kap. 248 (il-Liġi tal-Istampa) li jistabbilixxi inekwivokabbilment illi d-dritt t'appell minn deċiżjoni ta' Qorti tal-Maġistrati in prim'istanza lill-Qorti tal-Appell Kriminali f'reati formolati f'dak il-livell speċifiku tista' tiġi inizjata wkoll mill-istess Avukat Ġenerali, senjatament billi jistipula speċifikatament is-segwenti:

> »"Kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati dwar reat taħt dan l-Att tista', fil-każijiet kollha, tiġi appellata mill-Avukat Ġenerali jew mill-kwerelant, skont il-każ, u mill-parti misjuba ħatja";

»illi *in vista* tal-premess jirriżulta għalhekk pacifiku li meta fil-proċedura in diżamina l-Avukat Ġenerali għażel li jintavola l-appell in diżamina li wassal għar-referenza odjerna, dan agixxa fit-termini statutorjament stabbiliti kif fuq indikat;

»illi għalhekk il-fatt li l-appell in diżamina ġie inoltrat mill-Avukat Ġenerali *ex officio* u mhux mill-parti privata involuta mhux leżiv id-dritt tal-libertà tal-espressjoni kif sollevat mill-parti li pprovokat ir-referenza in diżamina peress li l-istess azzjoni hekk intrapriża mill-Avukat Ġenerali tirriżulta li kienet konformi mal-413(1)(*ċ*) tal-Kodiċi Kriminali u mal-artiklu 48 tal-Liġi tal-Istampa kif fuq determinat.

»Ikkunsidrat:

»illi l-parti li pprovokat ir-referenza in diżamina jilmenta wkoll mill-fatt li fil-proċedura kriminali in prim'istanza in diżamina kien inkluż wkoll ir-reat ta' inġurja gravi biex b'hekk l-istess parti hemm akkużata setgħet għalhekk titressaq quddiem l-istess qorti ta' natura kriminali *ex officio*;

»illi kemm-il darba dan ir-reat ma kienx inkluż u l-istess parti kienet minflok titressaq quddiem l-imsemmija qorti biex twieġeb biss għall-akkuża ta' malafama, allura l-proċedura li setgħet tiġi adottata setgħet biss tiġi promossa permezz ta' kawża privata u għalhekk, il-Pulizija Eżekuttiva kienet tiġi estromessa.

»Ikkunsidrat:

»illi għandu jkun paċifiku li l-kompitu tal-qorti odjerna hu limitat għal analiżi tal-proċedura meħuda fil-konfront tal-parti li pprovokat ir-referenza odjerna biex jiġi stabbilit jekk fl-istess atti, minħabba l-preżenza tal-Avukat Ġenerali fuq indikata, dan kienx jammonta għal leżjoni tad-drittijiet fundamentali riferiti mill-istess parti in kwistjoni;

»illi jiġi sottolineat li mhux il-kompitu tal-qorti odjerna biex tiddeċiedi liema mir-reati in kwistjoni kellhom jiġu addebitati lill-istess parti fil-proċeduri kriminali in diżamina, biex b'hekk jiġi stabbilit min kellu jkun il-protagonista proċedurali li jmiexxi l-proċeduri *de quo* fil-konfront tal-istess parti, senjatament biex jiġi sussegwentement determinat jekk il-

proċedura in kwistjoni kellhiex tkun waħda ta' natura privata jew waħda li fiha l-Avukat Ġenerali kellux l-obbligu li jaġixxi *ex officio*.

»Ikkunsidrat:

»illi fil-limiti tal-proċedura odjerna jingħad biss li, f'kawża inizjata *ex officio* fil-konfront tal-appellat fuq riferit, id-dritt t'appell minn deċiżjoni in prim'istanza (Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura) ma jibqax tal-kwerelati li jkunu taw bidu għall-azzjoni *de quo* iżda jitrassforma ruħu fi dritt t'azzjoni (appell) fdat f'idejn l-Avukat Ġenerali.

»Ikkunsidrat:

»illi hu minnu li minn analiżi tar-riżultanzi s-sitwazzjoni kif żviluppat tirriżulta li wasslet għall-azzjoni kriminali in appell fir-rigward ta' reat biss ta' malafama – *stante* li fir-rigward tar-reat ta' inġurja gravi – reat aktar serju – ma sar l-ebda appell;

»illi konsegwentement, *nonostante* l-fatt li l-appell kien intavolat mill-Avukat Ġenerali – allura immexxi *ex officio* mill-istat – dan ma jfissirx li hemm leżjoni tal-artiklu 41 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 10 tal-Konvenzjoni;

»illi *di più*, jirriżulta wkoll assodat minn eżami tal-proċedura in diżamina li l-istess proċeduri hemm eżaminati tmexxew *ai termini* tal-artiklu 413(1)(*ċ*) tal-Kodiċi Kriminali, fejn id-dritt t'appell jispetta lill-Avukat Ġenerali … … …

»Ikkunsidrat:

»illi f'dan l-istadju jiġi sottolineat li meta l-kwerelanti għażlu li fil-kwerela oriġinali tagħhom jinkludu r-reat ta' inġurja gravi kif kontemplat fl-artiklu 251(1)(3) tal-Kodiċi Kriminali flimkien mar-reat ta' malafama kif kontemplat fl-artiklu 11 tal-Att dwar l-Istampa, huma abdikaw mid-dritt tagħhom ta' appell *stante* li l-proċeduri sussegwentement inizzjati ma ttiħdux *ai termini* tal-artiklu 374 tal-Kodiċi Kriminali iżda *ai termini* tal-artiklu 375 tal-istess Kodiċi;

»illi konsegwenza tal-istess, il-fatt li azzjoni kriminali in diżamina qiegħda titmexxa *ex officio* mill-Avukat Ġenerali mhix leżiva d-drittijiet fundamentali indirizzati mill-parti li pprovokat ir-referenza kostituzzjonali odjerna u dan *stante* li hi l-liġi stess, kif fuq indikat, li tikkonċedi tali dritt ta' azzjoni.«

5. L-appellant appella minn din is-sentenza b'rikors tal-5 ta' Marzu 2018 li għalih wieġeb l-Avukat Ġenerali fit-12 ta' Marzu 2018.

6. L-aggravju tal-appell ġie mfisser hekk:

»Illi jingħad bl-akbar rispett li, fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) issorvolat il-lamenti ta' l-esponent u ddeċidiet il-kawża kważi esklussivament in bażi għal kwistjonijiet ta' proċedura ordinarja. Il-paragrafu 20 tas-sentenza appellata huwa sintomatiku ta' dan:

»"Illi għalhekk għandu jkun paċifiku li l-proċedura inizjata fil-konfront tal-parti li ipprovokat ir-referenza in diżamina kellha bilfors

> tittieħed mill-Pulizija Eżekuttiva *ex officio* a bażi tal-kwerela fuq ġà riferita u mhux mill-kwerelanti privatament."

»Illi jingħad bl-akbar rispett li dan ma huwiex korrett. L-intromissjoni tal-istat bdiet f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri bin-nuqqas tal-Pulizija Eżekuttiva li jinvestigaw il-kwerela tal-kwerelanti sabiex, qabel ma jressqu lill-esponent, jeżaminaw jekk kienx jirriżulta li huwa kkommetta ir-reat kontemplat fl-artikolu 251(1) u (3) tal-Kodiċi Kriminali. Dan ma għamluhx u l-esponent ġie akkużat b'reat li qatt ma seta' jirriżulta tant li, kif ingħad, dan il-fatt ġie rikonoxxut anke mir-rappresentant legali tal-kwerelanti fil-bidu tas-sottomissjonijiet finali tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Huwa għalhekk żbaljat li jingħad li l-pulizija kellha bilfors tieħu azzjoni *ex officio*. Il-pulizija kellha obbligu li tinvestiga u ma takkużax lill-esponent b'reat li qatt ma seta' jirriżulta.

»Illi wisq anqas kellu jkun hemm intromissjoni tal-istat bl-appell tal-Avukat Ġenerali.

»Illi fis-sentenza fl-ismijiet <u>Il-Pulizija *v.* L-Onorevoli Dottor Joseph Brincat u Marie Louise Coleiro</u> (05.10.1992), fejn kienet ġiet ventilata kwistjoni simili, għalkemm mhux identika, il-Qorti Kostituzzjonali kienet qalet hekk:

> »"L-ewwelnett l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni, meħud fil-kumptess tiegħu, jistabbilixxi tliet kriterji tal-kontroll li għandhom jiġu applikati biex jiġġustifikaw l-inammissibilità tal-libertà ta' espressjoni bħala dritt fundamentali, jiġifieri, tali interferenza kontra dik il-libertà trid tkun:
>
> »"(a) awtorizzata b'liġi;
>
> »"(b) tkun diretta li tilħaq xi wieħed mill-iskopijiet leġittimi msemmija fl-istess artikolu; u
>
> »"(ċ) li tkun neċessarja f'soċjetà demokratika, kompatibil-ment mal-obbligi u r-responsabbilitajiet li l-libertà ta' espressjoni timporta;
>
> »"Fil-kaz li għandha quddiemha din il-qorti, l-interferenza:
>
> »"(a) tista' tingħad li hija 'formalment' preskritta b'liġi;
>
> »"(b) però mhux diretta li tilħaq xi wieħed mill-iskopijiet leġittimi rikonoxxuti.
>
> »"Hawnhekk għandu jiġi enfasizzat illi l-imputazzjoni kontra l-intimati mhix illi dak li kitbu u ppublikaw imur kontra:
>
> »"(i) l-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku iew diċenza pubblika, jew saħħa pubblika; jew
>
> »"(ii) sabiex … jiġi evitat il-kxif ta' tagħrif riċevut sigriet, tiġi miżmuma l-awtorità u l-indipendenza tal-qrati. ...
>
> »"kif hemm fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni, jew … kif jgħid l-artikolu 10 tal-Konvenzioni, imma hija li: -
>
> > "'taw malafama lil … billi attribwewlhom fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tagħhom jew li jesponuhom għar-ridikolu u għad-disprezz tal-pubbliku';
>
> »"L-intromissjoni tal-pulizija fil-libertà ta' espressjoni f'dan il-kaz għalhekk mhix diretta biex tilħaq xi wieħed mill-iskopijiet leġittimi ta' natura publika li jsemmu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Meta l-iskop ikun ta' natura privata, allura, biex dan ikun leġittimu u

> leġittimament eżerċitat, ikun jeħtieġ b'mod ċar u inekwivokament l-espressjoni tal-priorità tal-protezzjoni tal-interess u d-dritt privat, li jispettaw biss lil dawk il-persuni privati, u inkwantu tali huma protetti, liema protezzioni hija skalata superjorment, mill-Kostituzz-joni u l-Konvenzjoni.
>
> »"Dak li għadu kif intqal, naturalment, isib l-alimentazzjoni ulterjuri tiegħu fit-tielet element ta' kontroll. Dan għaliex huwa f'soċjetà demokratika li dik id-distinzjoni bejn l-aspett 'pubbliku' u l-aspett 'privat' tal-azzjoni kriminali – li fis-sistema tagħna hija essenzjal-ment 'pubblika' – għandha sens sostanziali, b'mod li għandha tipprevali fuq kull intendiment iehor formali, *sia pure* 'legali', imma li mhux dritt u ġust, skond il-kriterji ta' dritt u ġustizzja li, *non-ostante* ċ-ċeċità tal-bniedem, matul is-sekli – bil-mod il-mod, u forsi anki imperċettibilment – ikomplu javvanzaw. L-azzjoni kif eżerċitat mill-puliziia … mhix neċessarja f'soċietà demokratika, u għalhekk jolqotha dan it-tielet element ta' kontroll stabbilit mill-Qorti Ewropea.
>
> »"Il-każ preżenti ma jissodisfax tnejn mit-tliet kundizzjonijiet li hemm bżonn biex ikun ġustifikat."
>
> »...

»Illi f'dan il-każ il-Qorti Kostituzzjonali kienet iddikjarat li l-azzjoni meħuda mill-pulizija kontra l-imputati ma kinitx in konformità mal-libertà tagħhom ta' espressjoni protetta mill-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

»Illi l-esponent għamel ampja referenza għal din is-sentenza għaliex il-prinċipji hemm enunċjati għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dan il-każ fejn kien ġie deċiż li tnejn mit-tliet kundizzjonijiet neċessarji għal interferenza fid-dritt ta' espressjoni ma ġewx sodisfatti. Effettivament l-esponent jemmen li f'dan il-każ lanqas ma ġiet sodisfatta l-ewwel kundizzjoni li l-azzjoni kriminali kienet awtorizzata b'liġi. Infatti, proprju sabiex il-Pulizija Eżekuttiva tmexxi l-azzjoni *ex officio*, ġie vvintat reat li manifestament ma seta' qatt jirriżulta. Għalhekk l-azzjoni tal-Pulizija Eżekuttiva li jmexxu l-kawża fit-termini tal-artikolu 375 tal-Kodiċi Kriminali ma kinitx awtorizzata.

»Illi, għal dak li jirrigwarda t-tieni kundizzjoni, l-intromissjoni tal-Avukat Ġenerali fil-libertà ta' espressjoni ma kinitx diretta biex tilħaq xi wieħed mill-iskopijiet leġittimi ta' natura pubblika li jsemmu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Kif ġà ntqal, meta l-iskop ikun ta' natura privata, allura biex dan ikun leġittimu u leġittimament eżerċitat ikun jeħtieġ b'mod ċar u inekwivokament l-espressjoni tal-priorità tal-protezzjoni tal-interess u d-dritt privat, li jispettaw biss lil dawk il-persuni privat, u in kwantu tali huma protetti.

»Illi għal dak li jirrigwarda t-tielet kundizzjoni, l-azzjoni kif eżerċitata mill-Avukat Ġenerali ma kinitx neċessarja f'soċjetà demokratika.«

7. Fis-seduta quddiem din il-qorti fit-2 ta' Lulju 2018 l-avukati tal-partijiet għarrfu lill-qorti li, minħabba intervent leġislativ, illum il-

mertu tal-proċeduri ġie eżawrit, u kien fadal biss il-kwistjoni tal-ispejjeż.

8. L-ilmenti tal-appellant essenzjalment huma tnejn: i. il-fatt illi l-azzjoni kriminali qiegħda titmexxa *ex officio* mill-istat; u ii. il-fatt illi l-pulizija xlietu bir-reat kontemplat fl-art. 251(1) u (3) tal-Kodiċi Kriminali bla ma qabel rat kienx hemm l-elementi meħtieġa biex jixluh ladarba dak ir-reat "manifestament ma seta' qatt jirriżulta". Igħid illi, flok qieset dawn l-ilmenti – kif kellha tagħmel – fid-dawl tal-liġijiet li jħarsu d-drittijiet fondamentali, l-ewwel qorti qieset l-ilmenti tiegħu fid-dawl biss tal-liġi ordinarja.

9. Għalkemm, bħall-appellant, din il-qorti għandha r-riservi tagħha dwar jekk kellhomx tassew jinbdew proċeduri kontra l-appellant dwar inġurja gravi, il-fatt illi ma nstabx ħati ta' dak ir-reat, u l-fatt li ma sar ebda appell minn dak is-sejbien, huma biżżejjed biex juri illi l-appellant kellu ħarsien biżżejjed tad-drittijiet tiegħu taħt il-liġi ordinarja u għalhekk ma seħħ ebda ksur tad-drittijiet fondamentali.

10. Dwar il-kwistjoni l-oħra li l-azzjoni titmexxa mill-istat u mhux mill-privat, il-qorti tosserva illi min-natura tagħha stess l-azzjoni kriminali, maħsuba biex tħares l-ordni pubbliku, tiġbed l-interess tal-istat. Il-fatt li tinteressa wkoll lill-parti leża ma jfissirx li ma jintlaqatx ukoll l-interess pubbliku, li l-azzjoni kriminali hija maħsuba li tħares. Għax il-vittma ewlieni ta' serqa huwa s-sid li nsterqulu ħwejġu, iseħħ ksur tal-jedd fondamentali tal-ħalliel għax, barra l-azzjoni ċivili tas-sid għad-danni, hemm ukoll l-azzjoni kriminali? L-

istess hawn. Reat jolqot mhux biss il-vittma dirett iżda wkoll l-interess pubbliku, u għalhekk l-istat għandu s-setgħa u d-dmir li jħares dak l-interess. Il-fatt illi issa l-libell famuż ġie depenalizzat ma jibdel xejn minn dan għax fiż-żmien meta seħħew il-fatti ta' dan il-każ kien għadu reat, u ma tressaq ebda lment fis-sens li l-fatt waħdu li libell famuż jista' jkun reat huwa bi ksur ta' xi dritt fondamentali.

11. Dwar l-argument tal-appellant imsejjes fuq it-tliet kondizzjonijiet li jiġġustifikaw l-indħil fil-libertà ta' espressjoni, *viz.* li tkun awtorizzata b'liġi, maħsuba biex tilħaq għan leġittimu, u meħtieġa f'soċjetà demokratika, il-qorti taqbel mal-ewwel qorti meta, wara li qieset id-disposizzjonijet tal-liġi applikabbli, osservat illi l-ewwel kondizzjoni tħarset appuntu għax l-azzjoni saret b'ħarsien tal-liġi. Tħarsu wkoll it-tieni u t-tielet kondizzjonijiet għax id-disposizzjonijiet tal-liġi li jagħtu s-setgħa lill-Avukat Ġenerali li jappella minn deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati huma maħsuba sabiex jilħqu skop ta' natura pubblika, huma meħtieġa f'soċjetà demokratika u għaldaqstant huma kompatibbli ma' dak maħsub fl-art. 41 tal-Kostituzzjoni u fl-art. 10 tal-Konvenzjoni.

12. Billi għalhekk l-ilmenti tal-appellant ma kinux ġustifikati huwa xieraq illi l-ispejjeż tar-referenza provokata minnu jħallashom hu.

13. Il-qorti għalhekk, wara li tqis il-meritu tal-appell bħala eżawrit, tiddisponi mill-appell dwar il-kap tal-ispejjeż billi tikkonferma d-

deċiżjoni tal-ewwel qorti li l-ispejjeż iħallashom l-appellant. L-ispejjeż tal-appell ukoll iħallashom l-istess appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm